## S4.2 IL-ĦREJJEF, IL-LEĠĠENDI U L-ISTORJA

**S4.2.1**

Nirriċerkaw eżempji ta' ħrejjef mill-mitoloġija Griega.

### A. Aqra.

Bla dubju ta' xejn l-isem ta' Esopu jibqa' marbut mal-ħrafa.



### X'inhi ħrafa?

Il-ħrafa hi xorta ta' storja li min jiktibha jkollu f'moħħu li jgħallimna xi tagħlima. Dawn l-istejjer li nsibu fihom il-bhejjem jitkellmu, u jaħsbu qishom nies, bdew jinkitbu ħafna u ħafna snin ilu. Esopu fil-fatt kien l-akbar kittieb tal-ħrejjef u l-aktar li baqa' msemmi. Esopu kien jgħix fil-Greċja għall-ħabta tas-sena 500 Q.K.

Naqraw dawn iż-żewġ ħrejjef li kiteb Esopu.

### Iż-Żrinġ u l-Ġurdien

Darba waħda ġurdien għamel ħabib ma' żrinġ kbir. Iż-żrinġ kellu moħħ iċ-ċajt u, biex jinbex u jgħaddi ż-żmien b'ħabibu, rabatlu siequ ma' tiegħu bi spaga. Imbagħad telqu pass pass ifittxu l-ikel. X'ħin waslu qrib għadira, iż-żrinġ għodos fl-ilma u ġibed warajh lill-ġurdien. Il-ġurdien bela' ħafna ilma, żaqqu mtliet u faga.



Ġara li il-ġurdien mejjet baqa' f'wiċċ l-ilma marbut ma' sieq iż-żrinġ. Iż-żrinġ tħabat biex jinħall iżda bl-ebda mod ma seta' jħoll l-għoqda.

Ftit wara għadda seqer minn hemm. Ra l-ġurdien mejjet f'wiċċ l-ilma u niżel għalih bħal vleġġa. Qabdu b'munqaru u belgħu f'nifs wieħed. Is-seqer kien għadu bil-ġuħ u meta ra liż-żrinġ imdendel quddiemu bala' lilu wkoll. Sewwa jgħidu li fid-dinja kif tagħmel jagħmlulek.



## Iż-Żewġt Iħbieb

Fl-ewwel jum tas-sajf daħkani,
Dija u hena kullimkien;
Żewġt iħbieb telqu għal dawra,
Qalb ir-raba' tal-widien.

Iżda mbagħad daħlu ġo masġar,
Kollu ħdura, siġar sfiq;
Medhijin jitħaddtu, jidħku,
Ma ħassewx it-tul tat-triq

Bħal sajjetta nstemgħet għajta,
Baqgħet tidwi 'bogħod, 'il bogħod…
Kien ors b'saħħtu, kbir, imġewwaħ,
Li mar fuqhom dritt u sod.

Wieħed minnhom ftit beżżiegħi,
Fuq is-siġra tala' fis;
L-ieħor baqa' fl-art bħal mejjet,
Beda jaħseb, jerġa jqis…

L-ors ġie ħdejh ixammem, jonfoħ,
Minn ħdejn rasu sa saqajh;
Iżda r-raġel xejn ma ċċaqlaq,
Għalhekkk l-ors telaq għal rajh.

U bil-mod minn fuq is-siġra
Sieħbu niżel, ġera ħdejh;
Bi tbissima staqsieh x'qallu
Meta l-ors kien ħdejn widnejh.

"Ara, x'qalli", wieġeb l-ieħor,
"Qal li int m'intix ħabib.
Għax ħabib tassew u tajjeb,
Dak li jgħinek fit-tiġrib."

Bro. Henry F.S.C.
Minn *Ħrejjef* ***Esopu***
Id-Denfil 5, 1974

**Immarka t-tweġiba t-tajbin**

1. Ħrafa: a) tista' tkun ġrajja vera.
   b) hija storja vera.
   ċ) hija għal kollox ivvintata.

2. Il-ħrafa: a) għandha l-iskop li twerwer lit-tfal biex iġibu ruħhom sew.
   b) mhux suppost naqrawha meta nikbru.
   ċ) dejjem tispiċċa b'xi tagħlima.

3. Esopu, kittieb magħruf tal-ħrejjef, kien (Grieg, Ingliż, Għarbi).

4. Esopu kien jgħix mdwar (50, 500, 2,500 ) sena ilu.

5. L-istorja taż-Żewġt Iħbieb hija ħrafa miktuba minn (Esopu, Brother Henry).

6. L-istorja taż-Żewġt Iħbieb ġiet maqluba forma ta' poeżija minn (Esopu, Brother Henry).

## B. Niktbu ftit.



Sib ktieb b' xi ħrafa oħra, aqra l-ktieb u wara ikteb l-storja fil-qasir.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________